32003D0020(01)

L 9/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.1.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-18 ta' Diċembru 2003**

**li tistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u l-aġġustament tal-kapital imħallas**

***(CBE/2003/20)***

(2004/46/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU L-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u b'mod partikolari l-Artikolu 28.5 tiegħu,

Billi:

(1) L-aġġustament tal-peżati assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fiċ-ċavetta għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewopew (BĊE) (minn issa "l quddiem imsejħa l-peżati ċavetta tal-kapital u ċ-ċavetta tal-kapital rispettivament) kif ipprovvdut fid-Deċiżjoni BĊE/2003/17 tat-18 ta' Diċembru 2003 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fiċ-ċavetta għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew" ([1]) jeħtieġ lill-Kunsill li jirregola li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tat-trasferimenti ta' l-ishma tal-kapital bejn il-BĊNi sabiex jiġi żgurat illi d-distribuzzjoni ta' dawn l-ishma tikkorrispondi ma' l-aġġustamenti magħmula.

(2) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/18 tat-18 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jitħallas il-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti ([2]) tistabbilixxi kif u safejn u sakemm il-BĊNi ta' l-Istati Membri illi adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem imsejħa l-BĊNi parteċipanti) għandhom iħallsu l-kapital ta' l-BĊE bil-ħsien taċ-ċavetta aġġustata tal-kapital. Id-Deċiżjoni BĊE/2003/19 tat-18 ta' Diċembru2003 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jithllas il-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonalin parteċipanti ([3]) tistabbilixxi kif u safejn u sakemm il-BĊNi ta' l-Istati membri illi adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem imsejħa l-BĊNi parteċipanti) għandhom iħallsu l-kapital ta' l-BĊE bil-ħsieb taċ-ċavetta aġġustata tal-kapital.

(3) Il-BĊNi parteċipanti ħallsu l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt ta' l-BĊE kif meħtieġa skond id-Deċiżjoni BĊE/1998/2 ([4]) u, fil-każ tal-Bank tal-Greċja, skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2000/14 ([5]) u d-Deċiżjoni BĊE/1998/14 ([6]). Fid-dawl ta' dan il-fatt, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/28 tiddikjara illi jew BĊN parteċipanti għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew l-BĊE għandu jittrasferixxi lura ammont lil BĊN parteċipanti, kif approprjat, sabiex jaslu għall-ammonti ddikjarati fil-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/18.. Bl-istess mod, il-BĊNi mhux parteċipanti ħallsu l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt ta' l-BĊE kif meħtieġa skond id-Deċiżjoni BĊE/1998/14. Fid-dawl ta' dan il-fatt, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/19 tiddikjara illi jew BĊN mhux parteċipanti għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew l-BĊE għandu jittrasferixxi lura ammont lil BĊN mhux parteċipanti, kif approprjat, sabiex jaslu għall-ammonti ddikjarati fil-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/19,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**It-trasferiment ta' l-ishma**

Meta jiġu kkunsidrati s-sehem fil-kapital ta' l-BĊE li kull BĊN ikun issottoskriva fil-31 ta' Diċembru 2003 u s-sehem fil-kapital ta' l-BĊE li kull BĊN irid jissottoskrivi mill-1 ta' Jannar 2004 bħala konsegwenza ta' l-aġġustament tal-peżati ċavetta tal-kapital kif deskritt fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/200317, il-BĊNi għandhom jittrasferixxu l-ishma fil-kapital bejniethom infushom permezz ta' l-BĊE u minn għandu sabiex jiġi żgurat illi d-distribuzzjoni ta' l-ishma fil-kapital tikkorrispondi mal-peżati aġġustati. Għal dan l-effett, kull BĊN għandu, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr ebda formalità iktar jew azzjoni jkun meħtieġ, jew li jitrasferixxi jew li jirċievi fl-1 ta' Jannar

([1]) ĠU L 9, tal-15.1.2004, p. 27.
([2]) ĠU L 9, tal-15.1.2004, p. 29.
([3]) ĠU L 9, tal-15.1.2004, p. 31.
([4]) ĠU L 8, ta' l-14.1.1999, p. 33.
([5]) ĠU L 336, tat-30.12.2000, p. 110.
([6]) ĠU L 110, tat-28.4.1999, p. 33.

2004 is-sehem fil-kapital sottoskritt ta' l-BĊE iddikjarat maġenb ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ma din id-deċiżjoni li fiha "+" għandu jirreferi għal sehem mill-kapital li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN u "–" għal sehem mill-kapital illi l-BĊN għandu ittrasferixxi lill-BĊE.

*Artikolu 2*

**L-Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Meta jiġi kkunsidrat l-ammont tal-kapital ta' l-BĊE illi kull BĊN ikun ħallas u l-ammont tal-kapital ta' l-BĊE illi kull BĊN għandu jħallas sa l-1 ta' Jannar 2004, kif iddikjarat fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2003/19 għall-BĊNi mhux parteċipanti rispettivament, kull BĊN għandu fit-2 ta' Jannar 2004 jew jittrasferixxi jew jirċievi l-ammont nett (fl-euro) iddikjarati maġenb ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness II ma din id-Deċiżjoni, li fiha "+" għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "–" għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil dan il-BĊN.

2. Fit-2 ta' Jannar 2004, l-BĊE u l-BĊNi li huma taħt obbligu li jittrasferixxu ammont skond il-paragrafu 1 għandhom, kull wieħed separatament, jittrasferixxu kull imgħax li jakkumula fil-perjodu taż-żmien bejn l-1 ta' Jannar 2004 sat-2 ta' Jannar 2004 fuq l-ammonti mistħoqqa mill-BĊE u minn dawn il-BĊNi skond il-paragrafu 1. It-trasferituri u r-riċevituri ta' dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħat-trasferituri u r-riċevituri ta' l-ammonti li fuqhom jakkumula l-imgħax.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom isiru permezz tas-sistema Trans-Ewropea tas-soluzzjoni Grossa Awtomatizzata fiż-Żmien Reali tat-Trasferiment bl-Espress (TARGET).

2. Kull imgħax li jakkumula skond l-Artikolu 2(2) għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' kull jum, bl-użu tal-metodu attwali ta' 360 jum tal-kalkolu, b'rata ugwali għall-imgħax marġinali wżata mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-operat l-iktar reċenti u ewlieni tagħha ta' finanzjament mill-ġdid.

3. L-BĊE u l-BĊNi li huma taħt obbligu li jagħmlu trasferiment skond l-Artikolu 2 għandhom, fiż-żmien f'waqtu, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa sabiex jesegwixxu kif mistħoqq dan it-trasferiment f'waqtu.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2003.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-18 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*L-ANNESS I*

## IL-KAPITAL SOTTOSKRITT TAL-BĊNi

*(EUR)*

| Il-BĊN | Is-Sehem sottoskritt fil-31 ta’ Diċembru 2003 | Is-Sehem sottoskritt mill-1 ta’ Jannar 2004 | Is-Sehem li jrid jiġi ttrasferit |
|---|---|---|---|
| In- Nationale Bank van België/ Banque Nationale de Belgique | 143 290 000 | 141 485 000 | – 1 805 000 |
| Id- Deutsche Bundesbank | 1 224 675 000 | 1 170 200 000 | – 54 475 000 |
| Il-Bank of Greece | 102 820 000 | 108 070 000 | + 5 250 000 |
| Il-Banco de España | 444 675 000 | 439 005 000 | – 5 670 000 |
| Il-Banque de France | 841 685 000 | 825 875 000 | – 15 810 000 |
| Is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 42 480 000 | 51 270 000 | + 8 790 000 |
| Il-Banca d’Italia | 744 750 000 | 728 630 000 | – 16 120 000 |
| Il-Banque centrale du Lussemburgu | 7 460 000 | 8 540 000 | + 1 080 000 |
| Id-De Nederlandsche Bank | 213 900 000 | 221 615 000 | + 7 715 000 |
| L-Österreichische Nationalbank | 117 970 000 | 115 095 000 | – 2 875 000 |
| Il-Banco de Portugal | 96 160 000 | 100 645 000 | + 4 485 000 |
| Is-Suomen Pankki | 69 850 000 | 71 490 000 | + 1 640 000 |
| Id-Danmarks Nationalbank: | 83 545 000 | 86 080 000 | + 2 535 000 |
| L-iSveriges Riksbank: | 132 685 000 | 133 180 000 | + 495 000 |
| Il-Bank of England: | 734 055 000 | 798 820 000 | + 64 765 000 |
| **Total:** | **5 000 000 000** | **5 000 000 000** | **0** |

*L-ANNESS II*

**IL-KAPITAL IMĦALLAS TA' L-BĊNi**

*(EUR)*

| Il-BĊN | Is-sehem sottoskritt fil-31 ta' Diċembru 2003 | Is-sehem sottoskritt mill-1 ta' Jannar 2004 | L-Ammont tal-ħlas tat-trasferiment |
|---|---|---|---|
| In- Nationale Bank van België/ Banque Nationale de Belgique | 143 290 000 | 141 485 000 | – 1 805 000 |
| Id-Deutsche Bundesbank | 1 224 675 000 | 1 170 200 000 | – 54 475 000 |
| Il-Bank tal-Greċja | 102 820 000 | 108 070 000 | + 5 250 000 |
| Il-Banco de España | 444 675 000 | 439 005 000 | – 5 670 000 |
| Il-Banque de France | 841 685 000 | 825 875 000 | – 15 810 000 |
| Is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 42 480 000 | 51 270 000 | + 8 790 000 |
| Il-Banca d'Italia | 744 750 000 | 728 630 000 | – 16 120 000 |
| Il-Banque centrale du Lussemburgu | 7 460 000 | 8 540 000 | + 1 080 000 |
| Id-De Nederlandsche Bank | 213 900 000 | 221 615 000 | + 7 715 000 |
| L-Österreichische Nationalbank | 117 970 000 | 115 095 000 | – 2 875 000 |
| Il-Banco de Portugal | 96 160 000 | 100 645 000 | + 4 485 000 |
| Is-Suomen Pankki | 69 850 000 | 71 490 000 | + 1 640 000 |
| Id-Danmarks Nationalbank: | 4 177 250 | 4 304 000 | + 126 750 |
| L-iSveriges Riksbank: | 6 634 250 | 6 659 000 | + 24 750 |
| Il-Bank of England: | 36 702 750 | 39 941 000 | + 3 238 250 |
| **It-Total:** | **4 097 229 250** | **4 032 824 000** | **– 64 405 250** |